31999R1545

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (EEC) Nru 1545/1999

ta' l-14 ta' Lulju 1999

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1091/94 li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati sabiex jiġi implimentat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3528/86 dwar il-protezzjoni tal-foresti fil-Komunità mit-tniġġiż ta' l-arja

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3528/86 tas-17 ta' Novembru 1986 dwar il-protezzjoni tal-foresti tal-Komunità kontra t-tniġġiż ta' l-arja [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 307/97 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tiegħu,

(1) Billi, skond it-tielet inċiż ta' l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3528/86, il-għan ta' l-iskema Komunitarja huwa li jgħin lill-Istati Membri sabiex jagħmlu sorveljanza intensiva u kontinwa fuq l-ekosistemi tal-foresti fuq il-qatgħat ta' l-art ta' sorveljanza permanenti;

(2) Billi, skond l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3528/86 l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni miġbura min-*network* ta' l-osservazzjoni permanenti għal sorveljanza intensiva u kontinwa;

(3) Billi dan in-*network* ġie stabbilit mill-Istati Membri skond l-Anness mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1091/94 [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1390/97 [4]; billi l-metodoloġija komuni u l-format għas-sottomissjoni ta' l-informazzjoni għall-inventarju kontinwu tal-kondizzjoni tal-qċaċet tas-siġar, l-inventarju tal-kondizzjonijiet tal-ħamrija u tal-weraq, iż-żieda, il-kejl tas-sediment, l-osservazzjonijiet meteoroloġiċi u l-monitoraġġ ta' kemm tinħall il-ħamrija ġew stabbiliti fl-Annessi minn III sa X tar-Regolament (KE) Nru 1091/94;

(4) Billi r-riżultati ta' l-istima tal-veġetazzjoni ta' ma' l-art huma diġà reġistrati u l-metodoloġija komuni u l-format tas-sottomissjoni ta' l-informazzjoni jridu jiġu miżjuda mar-Regolament (KE) Nru 1091/94; billi l-metodoloġija komuni għall-kejl tal-meteoroloġija trid tiġi aġġornata;

(5) Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Forestrija,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1091/94 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 2(1) jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "2. Dwar l-osservazzjoni permanenti tal-qatgħat ta' l-art, għandha titwettaq sorveljanza kontinwa ta' l-eko-sistemi tal-foresti. Din ikun fiha l-inventarju kontinwu tal-kondizzjoni tal-qċaċet tas-siġar, l-inventarju tal-kondizzjonijiet tal-ħamrija u tal-weraq u l-kejl dwar il-bidliet inkrementali, ir-rati tad-deposizzjoni, il-meteoroloġija, it-teħid ta' kampjuni u l-analiżi u l-istima tal-veġetazzjoni ta' ma' l-art skond il-metodi oġġettivi tat-teħid tal-kampjuni u analizzati skond metodi stabbiliti."

2. L-Artikolu 1(4) jinbidel b'dan li ġej:

   "4. Id-dettalji tekniċi li jappartjenu għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu huma dikjarati fl-Annessi minn III sa XI."

3. Fl-Artikolu 2(1), jiżdied l-inċiż li ġej wara l-aħħar inċiż:

   "— sabiex titwettaq stima tal-veġetazzjoni ta' ma l-art."

4. L-Anness I jiġi mibdul bl-Anness I ma' dan ir-Regolament.

5. L-Anness II jiġi mibdul bl-Anness II ma' dan ir-Regolament.

6. L-Anness VIIa huwa emendat skond l-Anness III ma' dan ir-Regolament

7. L-Anness IX jiġi mibdul bl-Anness IV ma' dan ir-Regolament.

8. Jiżdied l-Anness V ma' dan r-Regolament bħala l-Anness XI.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

[1] ĠU L 326, tal-21.11.1986, pġ. 2.
[2] ĠU L 51, tal-21.2.1997, pġ. 9.
[3] ĠU L 125, tat-18.5.1994, pġ. 1.
[4] ĠU L 190, tad-19.7.1997, pġ. 3.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-14 ta' Lulju 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

L-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 1091/94 jiġi mibdul b'dan li ġej:

"ANNESS I

METODI KOMUNI GĦALBIEX TIĠI STABBILITA *NETWORK* TAL-QATGĦAT PERMANENTI TA' L-ART TA' OSSERVAZZJONI GĦALL-MONITORAĠĠ KONTINWU U INTENSIV

(L-Artikolu 2 (1) tar-Regolament (KEE) Nru 3528/86 u l-emendi tiegħu)

I. **Rimarki ġenerali**

Il-għan ta' l-iskema msemmija fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament 3528/86 u l-emendi tiegħu huwa li jiġi stabbilit *network* ta' qatgħat permanenti ta' l-art (plottijiet permanenti) taħt osservazzjoni fl-Istati Membri tal-Komunità u li tinġabar l-informazzjoni b'sorveljanza intensiva u kontinwa.

Il-għanijiet immedjati ta' l-iskema huma:

— li jitmexxa monitoraġġ intensiv u kontiwu ta' l-ekosistemi tal-foresti fejn għandha x'taqsam il-ħsara kawżata mit-tniġġiż ta' l-arja u fatturi oħra li jinfluwenzaw il-kondizzjoni tal-foresti,

— li jittejjeb il-ftehim tar-relazzjoni każwali bejn it-tibdil fl-ekosistema tal-foresti u l-fatturi li jinfluwenzawha speċjalment it-tniġġiż ta' l-arja, billi ssir konċentrazzjoni f'lok wieħed tal-kejl u l-monitoraġġ ta' l-ekosistemi tal-foresti u tal-komponenti tagħhom,

— li jinkiseb tagħrif rilevanti dwar l-evoluzzjoni ta' numru ta' ekosistemi tal-foresti fil-Komunità.

II. **L-istabbiliment tan-*network* tal-qatgħat ta' l-art taħt osservazzjoni permanenti**

II.1. *Il-għażla tal-qatgħat ta' l-art*

L-Istati Membri għażlu sat-30 ta' Ġunju 1994 numru kbir biżżejjed ta' qatgħat ta' l-art taħt osservzzjoni permanenti f'pajjiżhom. Minn dakinhar l-Istati Membri lestew il-programm nazzjonali tagħhom ta' monitoraġġ intensiv biż-żieda tal-qatgħat ta' l-art. In-numru massimu ta' dawn il-qatgħat ta' l-art għandu jkun fil-prinċipju limitat f'kull Stat Membru għal 15-il qatgħa, imma l-Istati Membri huma permessi li jagħżlu numru ikbar ta' qatgħat ta' l-art bil-kondizzjoni li n-numru ma jaqbiżx l-20 % tan-numru ta' qatgħat ta' l-art nazzjonali tax-xibka-gradilja Komunitarja ta' 16 x 16-il km (Regolament (KEE) Nru 1696/87).

Il-għażla ta' dawn il-qatgħat ta' l-art hija r-responsabbiltà ta' l-Istati Membri, għalkemm għandhom jiġu applikati l-kriterji li ġejjin ta' l-għażla:

— il-qatgħat ta' l-art għandhom ikunu lokati hekk illi jkunu rappreżentati l-ispeċi l-iktar importanti tal-foresta u l-kondizzjonijiet iktar imferrxa tat-torbija fil-pajjiz rispettiv,

— id-daqs minimu ta' qatgħa għandu jkun ta' 0,25 ta' ettaru mkejjel fuq livell orizzontali,

— sabiex jitnaqqsu l-effetti mill-attivitajiet fuq iż-żoni ta' madwar, il-qatgħa ta' l-art għandha tkun imdawra b'żona-kuxxinett ta' protezzjoni. Il-wisgħa attwali tal-qatgħa tiddependi mit-tip u l-għomor tal-foresta. Jekk il-firxa tal-qatgħa u madwarha jkunu uniformi rigward l-istruttura ta' l-għoli u ta' l-għomor, il-wisgħa taż-żona tal-protezzjoni tista' tiġi ristretta għal 5 jew 10 metri. Jekk il-firxiet tal-foresta fejn tkun lokata l-qatgħa jikkonsistu f'siġar wieqfa mħallta, ta' speċi differenti jew ta' binja ta' għomor differenti, iż-żona tal-protezzjoni għandha titkabbar għal sa ħames darbiet il-għoli massimu potenzali tal-foresta fil-qatgħa,

— billi l-qatgħa trid tkun disponibbli għal monitoraġġ għat-tul taż-żmien, huwa meħtieġ illi l-kantunieri u/jew il-burduri jkunu markati ċari u li kull siġra kampjun fil-qatgħa tingħata numru f'manjiera permanenti,

— il-qatgħat ta' l-art għandhom ikunu aċċessibbli bla xkiel f'kull waqt u ma għandha teżisti l-ebda restrizzjoni rigward l-aċċess għall-kampjuni u l-għażla tagħhom,

— ma għandux ikun hemm differenza fil-ġestjoni tal-qatgħa, taż-żona tagħha ta' protezjoni u tal-foresta ta' madwar (p.e., il-ħidmiet tal-ġestjoni għandhom ikunu jistgħu jitqabblu ma' xulxin, u t-taqlib ikkawżat bil-monitoraġġ għandu jinżamm f'minimu).

— għandu jiġi evitat tniġġiż dirett minn sorsi magħrufa lokali. Il-qatgħat ta' l-art ma għandhomx ikunu lokati fil-viċinanza immedjata ta' rziezet, qrib ħafna ta' toroq prinċipali jew fil-viċinanza diretta ta' industrji li jniġġżu,

— għandu jkun hemm numru biżżejjed ta' siġar disponibbli għat-teħid tal-kampjuni fuq jew qrib il-qatgħa,

— il-qatgħat ta' l-art u ż-żona ta' protezzjoni għandhom ikunu uniformi kemm jista' jkun rigward, p.e., it-taħlit ta' l-ispeċi jew l-ispeċi, l-għomor, id-daqs, il-hamrija u l-pendent ta' l-art,

— il-qatgħat ta' l-art għandhom ikunu lokati 'l boghod biżżejjed mit-tarf tal-foresta.

Huwa rakkomandat li jingħażlu qatgħat ta' l-art li kienu sorveljati fi snin riċenti fil-qafas tar-Regolament (KEE) Nru 3528/86 jew ta' programmi oħra. Meta jridu jingħażlu qatgħat ta' l-art addizzjonali huwa rakkomandat illi l-qatgħat ta' l-art ikunu identiċi ma' jew lokati fil-qrib tal-qatgħat ta' l-art eżistenti tan-*network* Komunitarja ta' 16 x16 km u li l-qatgħat ta' l-art ikunu lokati hekk illi jista' jintuża t-tagħrif minn sorsi oħra (p.e., stazzjonijiet meteoroloġiċi).

II.2. *L-istallazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-qatgħa ta' l-art*

Fis-sena 1994, l-Istati Membri sottomettew lill-Kummissjoni l-informazzjoni ġenerali u deskrizzjoni dettaljata ta' kull qatgħa.

Id-deskrizzjoni dettaljata tal-qatgħa ta' l-art tinkludi: il-lokazzjoni eżatta tal-qatgħa, mappa-disinn li turi l-markar permanenti ta' kantunieri u/jew konfini ta' qatgħat oħra, in-numru ta' siġar fuq il-qatgħa u l-elementi l-oħra kollha permanenti fuq jew ħdejn il-qatgħa (p.e., it-triq ta' l-aċċess, ix-xmajjar). Għal li ġej il-lokazzjoni eżatta tal-postijiet tal-kampjuni (p.e. ħofor kbar fil-ħamrija) għandhom ukoll jiġu reġistrati f'din il-mappa.

II.3. *Definizzjoni ta' sub-plott (sub-qatgħa ta' art)*

Bħala prinċipju s-siġar kollha fuq il-qatgħa totali jridu jiġu inklużi fil-kampjun ta' l-istima tas-siġar (jiġifieri, l-inventarju tal-qċaċet tas-siġar, l-istima taż-żieda). Meta l-qatgħa ta' l-art ikun fiha ħafna siġar (jiġifieri siġar weqfin sfiqi), jista' jiġi definit sub-plott biex jiġi użat għal dan l-istħarriġ. Id-daqs tas-sub-plott fil-waqt ta' l-istallazzjoni tal-qatgħa ta' l-art għandu jkun kbir biżżejjed għalbiex jagħti stimi ta' min joqgħod fuqhom dwar dan l-istħarriġ għal minimu ta' 20 sena, preferibbilment matul il-għomor kollu tas-siġra wieqfa. Matul dan il-perjodu taż-żmien għandhom ikunu disponibbli mill-inqas 20 siġra fuq is-sub-plott.

II.4. *Tagħrif ġenerali dwar kull qatgħa ta' art*

It-tagħrif ġenerali li ġej dwar kull qatgħa permanenti taħt osservazzjoni għall-monitoraġġ intensiv u kontinwu għandu jingħabar matul l-istallazzjoni u l-ewwel stħarriġ:

L-istallazzjoni	L-Ewwel stħarriġ	
— Il-Kodiċi Deskrittiva		
	Il-Pajjiż	
	In-Numru tal-qatgħa ta' l-art ta' l-osservazzjoni	
	Il-latitudni u l-lonġitudni attwali	
— L-Informazzjoni dwar is-sit		
	L-Altitudni	id-disponibbiltà ta' l-ilma
	L-orjentazzjoni	għall-ispeċi prinċipali
	Id-daqs totali tal-qatgħa ta' l-art	it-tip tal-*humus*
	In-numru tas-siġar fis-sub-plott tal-qatgħa	il-*unit* tal-ħamrija (stima)
	(jekk ikun hemm minnhom)	
— L-Informazzjoni dwar il-waqqafa		
	Il-għomor medju tas-sular dominanti,	
	L-ispeċi ewliena tas-siġar	
	Il-produzzjoni (stima)	
— Osservazzjonijiet oħra		
	L-istorja tal-qatgħa ta' l-art	
	Stazzjon ieħor tal-monitoraġġ lokat fid-dwar	

Meta jiġu stallati qatgħat ta' l-art addizzjonali sabiex ikun ikkompletat il-programm nazzjonali ta' monitoraġġ intensiv l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni. Għal kull qatgħa stallata, it-tagħrif jingabar waqt l-istallazzjoni bl-użu ta' *datafile* (ara l-Anness VIIa, Formola 1a) u rapporti (ara l-Anness VIIa, Formola 1b) sa l-aħħar ta' l-istess sena li fiha tkun saret l-istallazzjoni/stallazzjoni mill-ġdid. It-tagħrif importanti miksub matul is-snin tal-monitoraġġ għandu jiġi sottomess kull sena bl-użu tal-Formoli 1a u 1b (L-Anness VII). It-tagħrif l-ieħor għandu jiġi sottomess immedjatament wara li jkun twettaq l-ewwel stħarriġ rilevanti u għandu jiġi aġġornat kull meta jkun meħtieġ.

III. **Il-Bdil tal-qatgħat ta' l-art meqruda**

III.1. *Rimarki ġenerali*

L-għażla tal-qatgħat ta' l-art għall-monitoraġġ intensiv hija r-responsabbiltà ta' l-Istati Membri. Għal din il-għażla huma stabbiliti numru ta' kriterji f'dan l-Anness. Il-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri żviluppaw l-istrateġija tagħhom sabiex jimmonitorjaw l-ekosistemi tagħhom fil-foresti nazzjonali, filwaqt li jimmiraw biex josservaw l-ispeċi tas-siġar l-aktar importanti u l-kondizzjonijiet tat-torbija.

Għalkemm il-qatgħat ta' l-art kellhom jiġu magħżula sabiex ikunu disponibbli għal monitoraġġ fuq skond fit-tul, dejjem hija possibbli l-qerda qabel żmienha ta' qatgħa ta' art, minħabba n-nirien, eċċ. F'xi każi jkun jista' jibqa' jitwettaq it-teħid finali tal-kampjuni qabel ma jkunu ntilfu s-siġar fuq il-qatgħa. Il-pass li jkun imiss għandu jkun li ssir rivista ta' l-istrateġija fl-isfond tal-kriterji ta' l-għażla u li jiġi deċiż liema kriterji jridu jiġu applikati għall-proċedura ta' l-għażla tal-qatgħa l-ġdida.

III.2. *L-għeluq ta' qatgħa ta' l-art*

Għandha tittieħed l-opportunità li jsiru ċerti qisien/stimi finali. Jekk ikun għadu possibbli qabel il-qerda (finali) ta' qatgħa, jista' jsir teħid ta' kampjuni (tal-qerda) tas-siġar taht sorveljanza. Wara li titwaqqa' s-siġra eżatta, jista' jitkejjel it-tul, jistgħu jintgħaddu ċ-ċrieki fiz-zokk u jista' jitwettaq it-teħid preċiż ta' kampjuni mill-weraq.

III.3. *L-istrateġija*

L-istrateġija tal-monitoraġġ fil-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri tinkludi aspetti dwar il-firxa tal-foresta, l-ekosistema tal-foresta, l-ispeċi u, spiss, l-aspetti tal-ħamrija, l-meteoroloġija u l-livelli tas-sediment. Meta l-qatgħa teħtieġ li tiġi mibdula, għandha tittieħed l-opportunità li jiġi verifikat jekk l-istrateġija oriġinali baqgħetx valida u kif jista' jimtela l-vojt bl-aħjar mod. F'dan il-kuntest għandu jiġi kunsidrat li barra l-istħarriġ oriġinali (il-kondizzjoni tal-qċaċet tas-siġar, tal-ħamrija, tal-weraq u taż-żieda) ikunu żdiedu stħarriġ addizzjonali mal-programm fis-snin riċenti (sediment/depożitu, meteoroloġija, kemm tinħall il-ħamrija, il-veġetazzjoni ta' ma' l-art, is-sensitizzar mill-bogħod ([1])). Huwa għalhekk irrakkommandat li jittieħed qies ta' l-evoluzzjoni tal-programm tal-monitoraġġ intensiv meta jkunu qegħdin jitfasslu l-pjani sabiex jinbidlu l-qatgħat ta' l-art.

Madankollu, b'mod ġenerali, jista' jkun tal-parir illi l-qatgħat ta' l-art il-ġodda jiġu lokati fl-istess reġjun u li jkollhom l-istess tip ta' ħamrija, livell ta' sediment u l-ispeċi ta' siġar bħall-qatgħat ta' l-art meqruda.

III.4. *L-istallazzjoni mill-ġdid ta' qatgħa ta' art*

Għall-għażla ta' qatgħa ġdida għandhom japplikaw l-istess kriterji bħal dawk tal-qatgħat meqruda. Wara l-istallazzjoni ta' qatgħat ta' l-art ġodda għandhom jitwettqu malajr kemm jista' jkun ċerti stħarriġ li ma jiġux imtennija malajr (jiġifieri s-sensitizzar tal-ħamrija u s-sensitizzar mill-bogħod). Billi l-istħarriġ dwar il-kondizzjonijiet tal-qċaċet tas-siġar u tal-weraq isiru kull sena jew darbtejn kull sena, ma humiex meħtieġa stħarriġ addizzjonali ta' din ix-xorta wara l-istallazzjoni tal-qatgħa ta' l-art. Meta l-istħarriġ regolari li jkun imiss ikun skedat għal iktar minn tliet snin mill-istallazzjoni tal-qatgħa għandhom jitwettqu kejl taż-żieda inkrementali direttament wara l-istallazzjoni tal-qatgħa.

III.5. *Punti ta' attenzjoni speċjali*

Il-qatgħat ta' l-art stallati mill-ġdid għandhom jingħataw numru. L-Istati Membri jridu jissottomettu lill-Kummissjoni, flimkien mas-sottomissjoni regolari li tkun tmiss ta' l-informazzjoni, tagħrif dwar ir-raġuni għaliex tkun ġiet mibdula qatgħa, r-riżultati ta' l-aħħar osservazzjonijiet/kejl u l-kriterji li jkunu ġew applikati għall-għażla tal-qatgħat ta' l-art il-ġodda.

([1]) Id-dettalji tekniċi sabiex tiġi applikata fuq għażla l-fotografija mill-ajru fuq il-qatgħat ta' l-art ta' monitoraġġ intensiv huma stabbiliti fil-Manwal dwar l-applikazzjonijiet tas-sensitizzar mill-bogħod editjat mill-Kummissjoni Ewropea.

ANNESS II

"ANNESS II

L-APPLIKAZZJONI GĦALL-GĦAJNUNA MILL-KOMUNITÀ RIGWARD IL-MIŻURI LI JRIDU JITWETTQU SKOND L-ARTIKOLU 2 TAR-REGOLAMENT (KEE) Nru 3528/86 U L-EMENDI GĦALIH

L-applikazzjonijiet għall-għajnuna għandhom jiġu preżentati skond l-Anness A mar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 526/87 [1] flimkien ma' sommarju tat-tagħrif imniżżel fil-lista hawn taħt u t-tabella kompluta inkluża f'dan l-Anness bħala l-Formola 2a.

Għal kull waħda mill-miżuri li jridu jitwettqu skond l-Artikolu 2, għandu jingħata tagħrif dwar l-oġġetti li ġejjin:

1. *Deskrizzjoni qasira tal-miżuri*

2. *L-Applikant*

   Ir-Rabtiet bejn l-applikant u l-miżuri

3. *L-aġenzija responsabbli mit-twettiq tal-miżuri*

   Il-għan u l-iskop ta' l-attivitajiet ewliena ta' l-aġenzija

4. *Deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri*

   fejn:

   (a) il-miżuri jkollhom x'jaqsmu ma' kif tiġi stabbilita jew estiża n-network tal-qatgħat ta' l-art permanenti taħt osservazzjoni għas-sorveljanza intensiva u kontinwa:

      1. deskrizzjoni tas-sitwazzjoni eżistenti
      2. il-lokazzjoni ġeografika u l-firxa tar-reġjun/i involut/i (flimkien ma' dokument kartografiku)
      3. in-numru ta' qatgħat ta' l-art taħt osservazzjoni permanenti;

   (b) il-miżuri li jkollhom x'jaqsmu ma' kif jiġi stabbilit u mwettaq inventarju dwar il-kondizzjoni tal-qċaċet tas-siġar fuq il-qatgħat ta' l-art taħt osservazzjoni permanenti:

      1. deskrizzjoni tas-sitwazzjoni eżistenti
      2. in-numru ta' qatgħat ta' l-art taħt osservazzjoni permanenti, li jridu jiġu inklużi fl-inventarju dwar il-kondizzjoni tal-qċaċet (Formola 2a)
      3. deskrizzjoni dettaljata dwar il-proċedura ta' l-għażla tal-kampjuni użati fil-livell tal-qatgħa ta' l-art (in-numru ta' siġar, il-marki, eċċ.)
      4. indikazzjoni tat-tabella taż-żmien għat-twettiq tal-miżuri proġettati (Formola 2b);

   (ċ) il-miżuri li jkollhom x'jaqsmu mat-twaqqif u t-twettiq ta' inventarju dwar il-kondizzjoni tal-ħamrija fuq il-qatgħat ta' l-art taħt osservazzjoni permanenti:

      1. deskrizzjoni tas-sitwazzjoni eżistenti
      2. in-numru ta' qatgħat ta' l-art taħt osservazzjoni permanenti, li jridu jiġu inklużi fl-inventarju dwar il-kondizzjoni tal-ħamrija (Formola 2a)
      3. deskrizzjoni dettaljata dwar il-proċedura tat-teħid tal-kampjuni użata fil-livell tal-qatgħa ta' l-art (in-numru ta' kampjuni singoli, deskrizzjoni tal-profil tal-ħamrija, eċċ.)
      4. deskrizzjoni dettaljata tal-parametri li jridu jiġu stabbiliti u tal-metodi ta' l-analiżi li jridu jiġu applikati inkluża deskrizzjoni ċara ta' kull kalibrazzjoni, korrezzjoni u/jew kalkolu mill-ġdid meħtieġa sabiex jagħmlu r-riżultati kompatibbli mar-riżultati analizzati skond il-metodi approvati
      5. indikazzjoni tat-tabella taż-żmien għat-twettiq tal-miżuri proġettati (Formola 2b);

   (d) il-miżuri li jkollhom x'jaqsmu kif jiġi stabbilit u mwettaq inventarju dwar il-kondizzjoni tal-weraq fuq il-qatgħat ta' l-art taħt osservazzjoni permanenti:

      1. deskrizzjoni tas-sitwazzjoni eżistenti
      2. in-numru ta' qatgħat ta' l-art taħt osservazzjoni permanenti, li jridu jiġu inklużi fl-inventarju dwar il-kondizzjoni tal-weraq (Formola 2a)
      3. deskrizzjoni dettaljata dwar il-proċedura tat-teħid tal-kampjuni użata fil-livell tal-qatgħa (in-numru ta' kampjuni singoli, deskrizzjoni eċċ.)
      4. deskrizzjoni dettaljata tal-parametri li jridu jiġu stabbiliti u tal-metodi ta' l-analiżi li jridu jiġu applikati inkluża deskrizzjoni ċara ta' kull kalibrazzjoni, korrezzjoni u/jew kalkolu mill-ġdid meħtieġa sabiex jagħmlu r-riżultati kompatibbli
      5. indikazzjoni tat-tabella taż-żmien għat-twettiq tal-miżuri proġettati (Formola 2b);

[1] ĠU L 53, tas-27.11.1998, pġ. 14.

(e) il-miżuri li jkollhom x'jaqsmu ma' kif jiġu stabbiliti u mwettqa l-kejlijiet tal-bidliet fiż-żieda inkrementali fuq il-qatgħat ta' l-art taħt osservazzjoni permanenti:

1. deskrizzjoni tas-sitwazzjoni eżistenti

2. in-numru ta' qatgħat ta' l-art taħt osservazzjoni permanenti, li jridu jiġu inklużi għall-kejl taż-żieda inkrementali (Formola 2a)

3. deskrizzjoni dettaljata dwar il-proċedura tal-kejl użata fil-livell tal-qatgħa ta' l-art (in-numru ta' drabi tal-kejl, deskrizzjoni eċċ.)

4. deskrizzjoni dettaljata tal-parametri li jridu jiġu stabbiliti u tal-metodi ta' l-analiżi li jridu jiġu applikati inkluża deskrizzjoni ċara ta' kull kalibrazzjoni, korrezzjoni u/jew kalkolu mill-ġdid meħtieġa għalbiex jagħmlu r-riżultati kompatibbli mar-riżultati analizzati skond il-metodi approvati

5. indikazzjoni tat-tabella taż-żmien għat-twettiq tal-miżuri proġettati (Formola 2b);

(f) il-miżuri li jkollhom x'jaqsmu ma' kif jiġu stabbiliti u mwettqa l-kejl tar-rata tas-sediment fuq il-qatgħat ta' l-art taħt osservazzjoni permanenti:

1. deskrizzjoni tas-sitwazzjoni eżistenti

2. in-numru ta' qatgħat ta' l-art taħt osservazzjoni permanenti, li jridu jiġu inklużi fl-inventarju dwar il-kejl tas-sedimenti (Formola 2a)

3. deskrizzjoni dettaljata dwar il-proċedura tal-kejl użata fil-livell tal-qatgħa ta' l-art (in-numru ta' drabi tal-kejl, id-deskrizzjoni eċċ.)

4. deskrizzjoni dettaljata tal-parametri li jridu jiġu stabbiliti u tal-metodi ta' l-analiżi li jridu jiġu applikati inkluża deskrizzjoni ċara ta' kull kalibrazzjoni, korrezzjoni u/jew kalkolu mill-ġdid meħtieġa jagħmlu r-riżultati kompatibbli mar-riżultati analizzati skond il-metodi approvati

5. indikazzjoni tat-tabella taż-żmien għat-twettiq tal-miżuri proġettati (Formola 2b);

(g) il-miżuri li jkollhom x'jaqsmu ma' kif jiġi stabbilit u mwettaq il-kejl tal-meteoroloġija fuq il-qatgħat ta' l-art taħt osservazzjoni permanenti:

1. deskrizzjoni tas-sitwazzjoni eżistenti

2. in-numru ta' qatgħat ta' l-art taħt osservazzjoni permanenti, li jridu jiġu inklużi fl-inventarju dwar il-kejl tal-meteoroliġija (Formola 2a)

3. deskrizzjoni dettaljata dwar il-proċedura tal-kejl użata fil-livell tal-qatgħa ta' l-art (in-numru ta' drabi tal-kejl, deskrizzjoni eċċ.)

4. deskrizzjoni dettaljata tal-parametri li jridu jiġu stabbiliti u tal-metodi ta' l-analiżi li jridu jiġu applikati inkluża deskrizzjoni ċara ta' kull kalibrazzjoni, korrezzjoni u/jew kalkolu mill-ġdid meħtieġa sabiex jagħmlu r-riżultati kompatibbli mar-riżultati analizzati skond il-metodi approvati

5. indikazzjoni tat-tabella taż-żmien għat-twettiq tal-miżuri proġettati (Formola 2b);

(h) il-miżuri li jkollhom x'jaqsmu ma' kif jiġi stabbilit u mwettaq il-kejl dwar kemm tinħall il-ħamrija fuq il-qatgħat ta' l-art taħt osservazzjoni permanenti:

1. deskrizzjoni tas-sitwazzjoni eżistenti

2. in-numru ta' qatgħat ta' l-art taħt osservazzjoni permanenti, li jridu jiġu inklużi għall-kejl ta' kemm tinħall il-ħamrija (Formola 2a)

3. deskrizzjoni dettaljata dwar il-proċeduri tal-kejl użati fil-livell tal-qatgħa ta' l-art (in-numru ta' drabi tal-kejl, id-deskrizzjoni eċċ.)

4. deskrizzjoni dettaljata tal-parametri li jridu jiġu stabbiliti u tal-metodi ta' l-analiżi li jridu jiġu applikati inkluża deskrizzjoni ċara ta' kull kalibrazzjoni, korrezzjoni u/jew kalkolu mill-ġdid meħtieġa sabiex jagħmlu r-riżultati kompatibbli mar-riżultati analizzati skond il-metodi approvati

5. indikazzjoni tat-tabella taż-żmien għat-twettiq tal-miżuri proġettati (Formola 2b);

(i) il-miżuri li jkollhom x'jaqsmu ma' kif tiġi stabbilita u mwettqa l-istima tal-veġetazzjoni ta' ma' l-art fuq il-qatgħat ta' l-art taħt osservanza permanenti:

1. deskrizzjoni tas-sitwazzjoni eżistenti
2. in-numru ta' qatgħat ta' l-art taħt osservanza permanenti, li jridu jiġu inklużi fl-istima tal-veġetazzjoni ta' ma' l-art (Formola 2a)
3. deskrizzjoni dettaljata dwar il-proċeduri ta' l-għażla tat-teħid tal-kampjuni użati fil-livell tal-qatgħa ta' l-art (in-numru ta' sub-kampjuni, id-deskrizzjoni eċċ.)
4. deskrizzjoni dettaljata tal-parametri li jridu jiġu stabbiliti u tal-metodi ta' l-analiżi li jridu jiġu applikati inkluża deskrizzjoni ċara ta' kull kalibrazzjoni, korrezzjoni u/jew kalkolu mill-ġdid meħtieġa sabiex jagħmlu r-riżultati kompatibbli.
5. indikazzjoni tat-tabella taż-żmien għat-twettiq tal-miżuri pproġettati (Formola 2b);

5. *L-ispiża tal-miżuri skond l-4(a) sa 4(i) (Formola 2a)*

1. L-ispiża sabiex tiġi stabbilita jew estiża n-*network* (4a)
   1.1. l-ispejjeż għal kull qatgħa ta' art
   1.2. l-ispejjeż totali
   1.3. il-għajnuna applikata għaliha mingħand il-Komunità
2. L-ispejjeż sabiex jiġi stabbilit, osservat jew ikkampjunat kull stħarriġ minn 4(b) sa 4(a)
   2.1. l-ispejjeż ta' kull qatgħa ta' art
   2.2. l-ispejjeż totali
   2.3. il-għajnuna applikata għaliha mingħand il-Komunità
3. L-ispejjeż ta' l-analiżi u tal-valutazzjoni ta' kull stħarriġ minn 4(b) sa 4(i)
   3.1. l-ispejjeż ta' kull qatgħa ta' art
   3.2. l-ispejjeż totali
   3.3. il-għajnuna applikata għaliha mingħand il-Komunità
4. L-ispejjeż totali tal-proġett (is-somma ta' l-ispejjeż ta' 1.3 (l-istabbiliment), 2.2 (l-osservazzjonijiet u/jew it-teħid tal-kampjuni) u 3.2 (analiżi u valutazzjoni))
5. L-għajnuna totali applikata għaliha mingħand il-Komunità (is-somma ta' l-ispejjeż ta' 1.3 (l-istabbiliment), 2.3 (l-osservazzjoni u/jew it-teħid tal-kampjuni) u 3.3 (analiżi u valutazzjoni))

6. *Il-Formoli 2a u 2b kompleti*

.....

Id-Data u l-firma

Formola 2a

ANALIŻI TAN-NEFQA U FINANZJAMENT PROPOST (*monitoraġġ intensiv*)

Il-Miżura	In-Numru tal-qatgħat ta' l-art taħt monitoraġġ intensiv	Analiżi tan-nefqa					In-Nefqa totali	Il-Parteċipazzjoni mhix Komunitarja				għajnuna mitluba
		Il-Persunal	It-tagħmir	Il-Materjali	L-ivjaġġar	Oħrajn		L-Istat	Ir-Reġjun	Fondi Pubbliċi Oħra	Privat	
		(1)	(1)	(1)	(1)	(1)	(1)	(1)	(1)	(1)	(1)	(1)
Għalbiex jiġu stallati l-qatgħat ta' l-art għall-monitoraġġ intensiv												
Għalbiex jiġi stabbilit u mwettaq inventarju tal-kondizzjonijiet tal-qċaċet tas-siġar												
Għalbiex jiġi stabbilit u mwettaq inventarju tal-kondizzjoni tal-ħamrija tal-foresti												
Għalbiex jiġi stabbilit u mwettaq stħarriġ fuq il-kontenut kimiku fil-weraq labar u l-weraq												
Għalbiex jiġu stabbiliti u mwettqa l-kejlijiet tal-bidla inkrementali												
Għalbiex jiġi stabbilit u mwettaq il-monitoraġġ tad-deposizzjoni												
Għalbiex jiġi stabbilit u mwettaq il-monitoraġġ meteoroloġiku												
Għalbiex jiġi stabbilit u mwettaq il-monitoraġġ ta' kemm tinħall il-ħamrija												
Għalbiex jiġu stabbiliti u mwettqa l-istħarriġ tal-veġetazzjoni ta' ma' l-art												
Għalbiex jiġu applikati l-modi tat-teknika tal-fotografija mill-ajru (2)												
Il-ġestjoni ta' l-informazzjoni integrata u l-istima ta' l-informazzjoni												

(1) Fil-munita korrenti nazzjonali.
(2) Issir referenza għall-manwal dwar l-applikazzjonijiet tas-Sensitizzar mill-boghod editjat mill-Kummissjoni Ewropea.

Formola 2b

IL-PJAN TAT-TMEXXIJA 'L QUDDIEM SABIEX JITWETTAQ IL-PROĠETT

(irid jimtela għal kull waħda mill-proposti tal-proġett)

	Sena	200.												200.												200.											
Il-Miżuri	Ix-Xahar	J	F	M	A	M	J	J	A	S	O	N	D	J	F	M	A	M	J	J	A	S	O	N	D	J	F	M	A	M	J	J	A	S	O	N	D
1																																					
2																																					
3																																					
4																																					
5																																					
6																																					
7																																					
8																																					
9																																					
10																																					
11																																					

ANNESS III

Fl-Anness VIIa mar-Regolament (KE) Nru 1091/94 tizdied il-parti li gejja:

— Fil-paragrafu 1 (rivista ta' l-ismijiet tal-fajlijiet għal kull stħarriġ) jiżdied il-kliem li ġej:

L-Istima	L-Anness	Il-Frekwenza	L-isem/ismijiet tal-fajls
"Il-Veġetazzjoni ta' ma' l-art	XI	ħamsa fis-sena	XX1996.PLV, XX1996.VEM"

— l-aħħar sub-paragrafu jiġi mibdul bi:

"Kull isem ta' fajl jikkonsisti minn kodiċi tal-pajjiż b'żewġ ittri (rappreżentat bi *XX* fil-lista ta' l-ismijiet), segwit bis-sena ta' l-istima (fl-eżempju tas-sena 1996) jew bi *GENER* meta t-tagħrif jingħata darba, tikka (.) u fl-estensjoni ta' kodiċi bi tliet ittri. Din il-kodiċi ta' tliet ittri għall-fajlijiet tal-qatgħat ta' l-art tikkonsisti mill-ittri *PL* u l-ewwel ittra/i tal-ħamrija ta' l-istima, iż-żieda fil-weraq, id-deposizzjoni, il-meteoroloġija, kemm tinħall il-ħamrija u l-veġetazzjoni ta' l-art. Il-kodiċi bi tliet ittri għad-*datafiles* tikkonsisti f'żewġ ittri (jew ittra waħda) għall-istima tal-ħamrija, tal-weraq, taż-żieda, tal-meteoroloġija, ta' kemm tinħall il-ħamrija jew tal-veġetazzjoni ta' ma' l-art u ittra waħda (jew tnejn) sabiex tindika l-partijiet mandatorji, bil-għażla jew differenti ta' l-istima taż-żieda (valutazzjoni), l-istima tas-sediment (bl-arja)."

— Il-Formola 5b tiġi mibdula bil-Formola 5b mehmuża ma' hawn,

— il-Formoli 8a, 8b, 8ċ, 8d, 8e u 8f jiġu mibdula bil-Formoli 8a, 8b u 8ċ mehmuża ma' hawn,

— jiżdiedu ż-żewġ Formoli (il-Formola 10a u l-Formola 10b) li ġejjin,

— fil-"Listi tal-kodiċi għall-istħarriġ dwar l-informazzjoni fuq il-qatgħat ta' l-art taħt osservazzjoni permanenti li jridu jintbagħtu lill-Kummissjoni" jsiru l-emendi li ġejjin:

Tagħrif rigward l-inventarju dwar il-weraq

Jitħassar il-Punt 26.

Tagħrif rigward il-monitoraġġ tal-meteoroloġija

il-punti 41 sa 46 jiġu mibdula bi:

"(41) *Il-Kodiċi tal-qatgħa ta' l-art/l-istrument*

L-istrumenti kollha li jiġu stallati fuq jew qrib il-qatgħa jingħataw kodiċi għall-qatgħa ta' l-art/l-istrument. Dan il-kodiċi jikkonsisti fin-numru tal-qatgħa ta' l-art (sa erba' ċifri) u n-numru sekwenzali ta' l-istrumenti kollha (sad-99). Meta l-istrumenti jiġu mibdula jew miżjuda, jiġu applikati kodiċijiet ġodda. (p.e. il-ħames strument fuq il-qatgħa 1234 għalhekk jirċievi l-kodiċi 1234.05).

(42) *Il-Lokazzjoni*

Tiġi indikata l-lokazzjoni ta' l-istrument:

S:: l-istrument huwa lokat fuq il-post jiġifieri fuq il-qatgħa ta' l-art (iż-żona tal-protezzjoni tal-qatgħa). Dan jista' jkun taħt is-saqaf ta' l-għata, fuq is-saqaf ta' l-għata jew fil-ħamrija tal-foresta

F:: l-istrument huwa lokat f'għalqa fil-miftuħ (f'għalqa fil-qrib fil-miftuħ) fil-firxa tal-foresta

W:: l-istrument huwa lokat fi stazzjon tat-temp (ġeneralment 'il barra mill-firxa tal-foresta)

O:: l-istrument huwa lokat xi mkien ieħor.

(43) *Il-varjanti*

Indikazzjoni tal-varjanti mkejla mill-istrument

AT = it-temperatura ta' l-arja

PR = il-preċipitazzjoni

RH = l-umdità relattiva

WS = il-qawwa (veloċità) tar-riħ

WD = id-direzzjoni tar-riħ

SR = ir-radjazzjoni solari

UR = ir-radjazzjoni *UVb*

TF = l-inżul dritt tax-xita (mingħajr xkiel)

SF = it-tnixxija tax-xita maz-zokk

ST = it-temperatura tal-ħamrija

MP = il-potenzal tal-matriċi (*'matric'*) fil-ħamrija

WC = il-kontenut ta' ilma fil-ħamrija (KI)

XX = jistgħu jintużaw kodiċi oħra għal parametri addizzjonali, imma għandhom ikunu speċifikati fil-*DAR* (l-Informazzjoni li takkumpanja r-rapport)

(44) *It-Tagħrif dwar l-istrumenti*

Pożizzjoni vertikali (wieqfa)

Il-pożizzjoni vertikali (għoli jew fond) ta' l-istrumenti għandha tiġi indikata f'metri b'sinjal tal-għadd (+) (= għoli mill-art) jew tat-tnaqqis (-) (= fond taħt l-art) bl-użu tal-format ta' żewġ ċifri sħaħ u tnejn deċimali.

Il-Kodiċi ta' l-istrumenti

Il-kodiċi li ġejjin għandhom jintużaw fl-istrumenti li jeżaminaw il-kampjuni u fil-metodu tar-reġistrazzjoni ta' l-informazzjoni:

10: il-qari u r-reġistrazzjoni bl-idejn fuq il-karti

20: ir-reġistrazzjoni mekkanika (qari u r-reġistrazzjoni bl-idejn fuq il-karti)

30: reġistrazzjoni diretta fuq il-karti

40: reġistrazzjoni diġitali (f'sitwazzjoni fejn l-istrument ikun għalih waħdu)

50: reġistrazzjoni diġitali (id-*datalogger* integrat)

Id-dettalji tat-tagħmir għandhom jingħataw fl-informazzjoni li takkumpanja r-rapport (DAR).

L-intervall bejn l-osservazzjoni bir-reqqa tal-fajlijiet (strumenti awtomatiċi biss)

L-intervall ta' bejn żewġ stimi konsekuttivi għandu jingħata f'sekondi.

L-intervall tal-ħażna (strumenti awtomatiċi biss)

L-intervall ta' bejn żewġ mumenti konsekuttivi tal-ħażna ta' l-informazzjoni għandu jingħata f'minuti.

(45) *Il-parametri li jridu jiġu stmati fil-monitoraġġ meteoroloġiku*

Il-Preċipitazzjoni u nżul dritt tax-xita bla xkiel

Il-preċipitazzjoni tax-xita trid tingħata bħala s-somma ta' kuljum, bl-użu tal-format sa erba' ċifri sħaħ u ċifra deċimali waħda.

It-Temperatura (ta' l-arja u tal-ħamrija)

It-temperatura trid tingħata fi °Ċ, bl-użu tal format ta' +/- (żieda jew tnaqqis) u żewġ ċifri sħaħ flimkien ma' ċifra deċimali waħda. Iridu jiġu sottomessi l-medju għal kull ġurnata, il-minimu ta' kull ġurnata u l-massimu ta' kull ġurnata.

L-Umdità relattiva

L-umdità relattiva trid tingħata bħala l-medju għall-ġurnata, bil-minimu u l-massimu milħuqa kuljum, bl-użu tal-format ta' żewġ ċifri sħaħ u ċifra deċimali waħda.

Il-Qawwa (veloċità) tar-riħ

Il-veloċità tar-riħ trid tingħata bħala l-medju għall-ġurnata, bil-minimu u l-massimu milħuqa kuljum, bl-użu tal-format ta' żewġ ċifri sħaħ u ċifra deċimali waħda.

Id-Direzzjoni tar-riħ

Id-direzzjoni tar-riħ trid tingħata bħala minfejn jonfoħ l-iktar ir-riħ kuljum. Il-boxxla tar-riħ trid tiġi maqsuma fi tmien sezzjonijiet ta' 45°-il waħda li tibda mit-22,5° 'il quddiem (bil-Grigal (*NE*) (= 45°), il-Lvant (*E*) (= 90°), ix-Xlokk (*SE*) (= 135°)... - it-Tramuntana (*N*) (= 0°). L-aktar direzzjoni frekwenti tar-riħ tiġi rappurtata bil-valur tagħha tan-nofs.

Ir-Radjazzjoni solari u radjazzjoni UVb

Ir-radjazzjoni solari u r-radjazzjoni *UVb* iridu jingħataw bħala l-valur medju ta' kuljum, bl-użu tal-format ta' erba' ċifri sħaħ u ċifra deċimali waħda.

It-Tnixxija tax-xita maz-zokk

